MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 652/2004

**George u Maria Louise miżżewġin Catania u *Tarcam Company Limited***

***Versus***

**Nazzareno Borg u Maria Concetta *sive* Connie miżżewġin Borg**

Din il-kawża hija dwar talba biex kawża deċiża b'sentenza tinstema' mill-ġdid wara li tiġi mħassra dik is-sentenza taħt l-art. 811 (*b*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi bi tliet ċitazzjonijiet ippreżentati fid-19 t'Ottubru 2002 il-konvenuti Borg kienu għamlu talbiet kontra l-atturi tallum. L-atturi, li kienu l-konvenuti f'dawk il-proċeduri, urew biċ-ċar illi xtaqu jikkontestaw it-talbiet u illi jressqu l-provi tagħhom, kif juru n-nota ta' l-eċċezzjonijiet u l-lista tax-xhieda tagħhom.

Il-kawża kienet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 7 ta' Marzu 2003 fl-10.00 *a.m.* u f'dik is-seduta kien verbalizzat illi "b'ordni tal-qorti, il-kawża ġiet differita għas-16 ta' Ġunju

2003 fl-istess ħin u għall-istess skop tal-verbal preċedenti". B'avviż ieħor li ma hemmx data fuqu, kien mgħarraf illi "b'ordni tal-qorti s-seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju 2003, li kellha tinstema' mill-Onor. Joseph R. Micallef LL.D., ser tiġi presjeduta mill-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi LL.D."

L-atturi (konvenuti f'dik il-kawża) qatt ma kienu jafu u qatt ma setgħu jkunu jafu b'dawn l-avviżi, u l-kawża kompliet tinstema' mingħajr ma huma ġew notifikati la dwar it-tibdil fid-data u lanqas dwar it-tibdil fl-imħallef. Dan jidher ċar mill-atti taċ-ċitazzjoni numru 1211/2002 JA. L-atturi tallum saru jafu bis-sentenza mogħtija f'dik il-kawża biss meta waslitilhom ittra mingħand l-avukat tal-konvenuti (atturi f'dik il-kawża) fis-27 ta' Mejju 2004.

Kienet saret seduta fis-16 ta' Ġunju 2003 u oħra fil-5 ta' Novembru 2003, u l-kawża nqatgħet b'sentenza tad-19 ta' Novembru 2003. Dik is-sentenza kienet laqgħet talba tal-konvenuti (atturi f'dik il-kawża) iżda kienet ċaħdet talba oħra wara li laqgħet eċċezzjoni ta' l-atturi (konvenuti f'dik il-kawża).

L-atturi huma tal-fehma illi huwa l-każ illi ssir ritrattazzjoni tal-kawża taħt l-art. 811 (*b*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Barra minn hekk, dak li sar sar bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, l-aktar dak li jrid illi *audi alteram partem*.

L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tħassar is-sentenza mogħtija minn din il-qorti fid-19 ta' Novembru 2003 fil-kawża fl-ismijiet Nazzareno Borg *et versus* George Catania *et* (ċitaz. nru 1211/2002 JA); u
2. tgħid illi huwa l-każ illi ssir ritrattazzjoni ta' l-istess kawża taħt l-art. 811 (*b*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma hemm ebda waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi tagħti lill-atturi d-dritt illi jitolbu r-ritrattazzjoni tal-kawża msemmija fiċ-ċitazzjoni; u
2. it-talbiet huma manifestament vessatorji u saru biss bil-għan illi jtawlu l-proċeduri li hemm pendenti għall-bejgħ *sub hasta* tal-proprjetà ta' l-atturi.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:
Kien hemm numru ta' kawżi, fosthom dik illi l-atturi qegħdin jitolbu illi tinstema' mill-ġdid, illi, għalkemm kienu assenjati lill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef, kienu maħsuba illi jinstemgħu minn imħallef li kellu jinħatar. Meta l-ewwel dehra fil-kawża *de qua* kienet appuntata għas-7 ta' Marzu 2003, fl-10.00 *a.m.*, dehret fuq il-lista ta' l-Onor. Imħallef Micallef billi l-imħallef li kellu jisma' l-kawża kien għadu ma nħatarx. Għalhekk il-kawża, flimkien mal-kawżi kollha fuq il-lista ta' l-Imħallef Micallef ta' dakinhar, kienet differita għas-16 ta' Ġunju 2003. Id-differiment sar billi fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2003 sar verbal, illi ddaħħal fl-atti tal-kawża, illi jgħid hekk:
B'ordni tal-qorti, il-kawża ġiet differita għas-16 ta' Ġunju 2003 fl-istess ħin u għall-istess skop tal-verbal preċedenti
Billi l-kawżi kollha fuq il-lista tas-7 ta' Marzu 2003 kienu differiti għall-istess data, barra l-verbal tas-seduta li ddaħħal fl-atti tal-kawżi sar ukoll avviż, illi twaħħal mal-lista fejn jitwaħħlu l-avviżi qrib l-awla fejn saret is-seduta, illi jgħid illi l-kawżi fuq il-lista kienu ġew differiti għas-16 ta' Ġunju 2003.
L-atturi (konvenuti fil-kawża tallum) kienu regolarment notifikati bl-atti, kemm biċ-ċitazzjoni kif ukoll bl-avviż tas-smigħ, u għalhekk dehru fis-7 ta' Marzu 2003 għall-ewwel dehra. Raw jew semgħu illi l-kawża kienet differita għal data oħra bla ma fehmu x'data kienet, u ma ntebħux bl-avviż li kien jagħti d-data tad-differiment.
L-atturi fittxew illi jitfgħu dubju dwar jekk tassew twaħħalx l-avviż, u riedu wkoll jagħtu x'tifhem illi d-differiment sar bla data. Il-qorti, iżda, wara li semgħet l-uffiċjali tal-qorti responsabbli, ma għandha ebda dubju illi l-avviż, bid-data tad-differiment murija fuqu, kien, fis-7 ta' Marzu 2003, imwaħħal flimkien mal-lista ta' dakinhar, u illi d-differiment ingħata regolarment fis-7 ta' Marzu 2003, kif jixhed ċar il-verbal tas-seduta.
Minkejja dan kollu, iżda, l-atturi ma ntebħux illi d-differiment kien għas-16 ta' Ġunju 2003, u, milli jidher, lanqas għaddielhom minn rashom illi jfittxu li jaraw x'kien igħid il-verbal tas-seduta biex minn hemm ikunu jistgħu jsiru jafu d-differiment. Għalhekk ma dehrux għas-seduta tas-16 ta' Ġunju 2003.

Id-differiment mis-7 ta' Marzu għas-16 ta' Ġunju 2003 kien ingħata, kif rajna, mill-Imħallef Micallef, u għalhekk is-seduta tas-16 ta' Ġunju 2003 kellha tinstema' mill-istess Imħallef Micallef. Ġara, iżda, illi qabel is-16 ta' Ġunju 2003 inħatar l-imħallef il-ġdid li kellu jisma' l-kawża, li kien l-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi. Għalhekk, għalkemm il-lista tas-16 ta' Ġunju 2003 kienet imwaħħla qrib l-awla ta' l-Imħallef Micallef, ħdejn dik il-lista twaħħal ukoll avviż li kien igħid hekk:

B'ordni tal-qorti s-seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju 2003, li kellha tinstema' mill-Onor. Joseph R. Micallef LL.D., ser tiġi presjeduta mill-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi LL.D.

Wara li semgħet lill-uffiċjali responsabbli, il-qorti ma għandha ebda dubju illi tassew twaħħal l-avviż, tant illi l-partijiet fil-kawżi l-oħra fuq l-istess lista dehru għas-smigħ tal-kawżi tagħhom quddiem l-Onor. Imħallef Azzopardi. L-atturi, iżda, li ma kinux jafu, u ma ħadux ħsieb li jsiru jafu, bid-differiment mogħti fis-7 ta' Marzu 2003, ma kinux jafu bis-seduta tas-16 ta' Marzu 2003, u għalhekk dakinhar ma dehrux, la quddiem l-Imħallef Micallef, fejn kienu jkunu jistgħu jsiru jafu illi l-kawża tagħhom kellha tinstema' quddiem l-Imħallef Azzopardi, u lanqas quddiem l-Imħallef Azzopardi.

Il-kawża nstemgħet fis-16 ta' Ġunju 2003, u l-verbal tas-seduta jgħid hekk:

Meta ssejħet il-kawża deher l-attur [il-konvenut fil-kawża tallum] assistit mill-Avukat M. Fenech.

Il-konvenut u l-avukat imsejħin tliet darbiet ma dehrux.

Il-kawża ġiet differita għall-5 ta' Novembru 2003 fid-9.30 *a.m.* għall-provi kollha tal-partijiet.

Sal-5 ta' Novembru 2003 lill-atturi kien għadu ma għaddilhomx minn moħħhom illi jfittxu li jaraw il-verbal tas-7 ta' Marzu 2003 biex ikunu jafu għal meta kien id-differiment, u għalhekk dakinhar reġgħu ma dehrux. Il-kawża kompliet tinstema' u l-verbal tas-seduta jgħid hekk:

Meta ssejħet il-kawża deher l-attur assistit minn Dr Mark Fenech.

Deher Nazzareno Borg, l-attur [li] xehed bil-ġurament.

In vista tal-verbal preċedenti, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għad-19 ta' Novembru 2003 fid-9.30 *a.m.*

Fid-19 ta' Novembru 2003, imbagħad, ingħatat is-sentenza. L-atturi baqgħu ma jafu b'xejn sakemm, b'ittra tal-25 ta' Mejju 2004, l-avukat tal-konvenuti sejħilhom biex iħallsu s-*sorte* u l-ispejjeż.

L-atturi qegħdin issa jfittxu illi l-kawża tinstema' mill-ġdid, wara li tiġi mħassra s-sentenza, taħt l-art. 811 (*b*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(*b*) jekk iċ-ċitazzjoni ma tkunx ġiet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;

(*l*) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

Għalkemm l-art. 811 isemmi biss "sentenza mogħtija fi grad ta' appell", tista' tingħata wkoll ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti ta' l-ewwel grad, kif igħid l-art. 812:

**812.** Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien ta' l-appell.

Fil-każ tallum, l-atturi kienu notifikati kemm biċ-ċitazzjoni u l-atti relativi kif ukoll bl-avviż tas-smigħ, tant illi ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom u dehru wkoll għall-ewwel dehra. Minn dak il-waqt 'il quddiem, kien dmir u oneru tagħhom illi jsegwu l-verbali u d-differimenti u — ħlief fil-każ fejn kawża tkun ġiet differita *sine die* u tkun appuntata mill-ġdid, li ma hux il-każ — ma għandhomx jistennew — kif jidher illi għamlu fil-każ tallum — illi jkunu notifikati b'avviż tas-smigħ wara kull differiment.

Il-każ tallum kien kollu konsegwenza ta' nuqqas ta' l-atturi. Jekk tassew ma kinux jafu d-data tad-differiment tas-7 ta' Marzu 2003, li kien imisshom jagħmlu kien illi fl-ewwel okkażjoni jfittxu l-verbal fl-atti tal-kawża u minn hemm kienu jsiru jafu għal meta tħalliet il-kawża. Dan ma għamluhx, u kienu għadhom ma għamluhx sa meta

waslitilhom l-ittra ta’ l-avukat tal-konvenuti tal-25 ta’ Mejju 2004, aktar minn sena wara.

Dak li ġara lill-atturi ma kienx konsegwenza ta’ xi nuqqas proċedurali iżda kien konsegwenza tal-*culpa lata* tagħhom.

Għalhekk ma hux il-każ illi s-sentenza titħassar minħabba nuqqas ta’ notifika.

Ngħaddu issa biex naraw jekk is-sentenza għandhiex titħassar għax kienet l-effett ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

Dwar meta tista’ ssir talba għas-smigħ mill-ġdid ta’ kawża bil-proċedura ta’ ritrattazzjoni, l-art. 818(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

**818.** (1) Iż-żmien li fih tista’ ssir it-talba għar-ritrattazzjoni huwa ta’ tliet xhur, u jibda jgħodd -

(*a*) fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (*a*) u (*k*) ta’ l-artikolu 811, mill-ġurnata li fiha jinkixef il-qerq, jew jinsab id-dokument;

(*b*) fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*b*), mill-ġurnata li fiha l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza;

(*ċ*) fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (*j*), jekk il-falsità tkun, fuq talba jew kwerela ta’ l-istess attur, ġiet iddikjarata wara s-sentenza attakkata, mill-ġurnata ta’ dik id-dikjarazzjoni, u jekk tkun ġiet iddikjarata wara dik is-sentenza, iżda fuq talba jew kwerela ta’ ħaddieħor, jew jekk tkun ġiet iddikjarata qabel, mill-ġurnata li l-attur ikun ġie jaf b’dik id-dikjarazzjoni;

(*d*) f’kull każ ieħor, minn dak in-nhar tas-sentenza attakkata.

Il-każ imsemmi fl-art. 811(*l*) jaqa’ taħt il-paragrafu (*d*).

Is-sentenza kienet ingħatat fid-19 ta’ Novembru 2003, u l-kawża tallum infetħet fis-26 t’Awissu 2004, sew wara li għaddew tliet xhur minn dakinhar tas-sentenza. Il-fatt illi l-atturi, b’nuqqas tagħhom, ma ntebħux illi kienet ingħatat is-sentenza ma jġeddidx iż-żmien favur tagħhom. It-talba taħt l-art. 811(*l*) għalhekk ma setgħetx issir, u l-qorti ma tqisx aktar dik it-talba.

L-atturi qegħdin igħidu wkoll illi s-sentenza ngħatat bi ksur tal-prinċipju ta’ ġustizzja naturali illi jrid illi kull parti tinstema’: *audi et alteram partem*.

Li jfisser dak il-prinċipju hu illi kull parti għandha tingħata opportunità xierqa u daqs il-parti l-oħra li tinstema’ u li

tressaq il-każ tagħha. Ċertament ma jfissirx illi min ingħata dik l-opportunità iżda, b’nuqqas kolpevoli tiegħu, ma nqediex biha għandu jkollu l-jedd illi jħassar il-proċeduri illi, minħabba f’nuqqas tiegħu, imxew fl-assenza tiegħu. Il-prinċipju *audi et alteram partem* huwa r-raġuni għala tingħata ritrattazzjoni meta l-parti telliefa ma tkunx ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni, taħt l-art. 811(*b*). Rajna, iżda, illi fil-każ tallum l-atturi kienu regolarment notifikati u illi ma kien hemm ebda ksur illi jagħtihom jedd jitolbu t-tħassir tas-sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talbiet ta’ l-atturi u tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------